**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 30 ta` Novembru 2020**

**Kawza Nru. 9**
**Rikors Nru. 27/2020 JZM**

**Central Insurance Brokers Limited [C-19982]**

***kontra***

**X**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fl-24 ta` Lulju 2020 li jaqra hekk :–

*Illi l-kumpanija rikorrenti, bhal ma taghmel rigorozament kull sena, ippreparat, tramite l-awdituri taghha Mazars Malta, il-kontijiet annwali tal-ahhar sena ta` hidma u cioe dik illi bdiet fl-1 ta` Jannar 2019 u ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2019.*

*Illi dawn il-kontijiet annwali approvati mid-diretturi u l-azzjonisti, gew sottomessi lil Malta Business Registry ("MBR") fis-17 ta` Gunju 2020 u gew "uploaded" fuq is-sistema "online" tal-MBR fis-26 ta` Gunju 2020 [DOK A – kopja tal-kotba finanzjarji fejn fuq l-ewwel faccata jidhru z-zewg dati msemmija].*

*Illi l-kumpanija rikorrenti hija meqjusa bhala kumpanija zghira ai termini tal-Artikolu 185 (1) tal-Att dwar il-Kumpaniji (l-"Att") u hija kumpanija privata u ezentata ("private exempt") u bhala konsegwenza ta` hekk ghandha d-dritt illi "inter alia", ma tipprezentax il-kont ta` qligh u telf lir-Registratur tal-Kumpaniji ai termini tal-Artikolu 183(2) tal-Att.*

*Illi d-diretturi tal-kumpanija rikorrenti bbenefikaw minn din l-ezenzjoni moghtija lilhom bil-ligi u fil-fatt :-*

*a) Fis-sitt pagna ta` Dok A bit-titolu "Income Statement", hemm imnizzel il-kliem "The Directors have elected not to file the Income Statement account in terms of Article 183(2) of the Companies Act (Cap. 386) ; u*

*b) Fl-ahhar pagna ta` Dok A iffirmata mid-diretturi, hemm imnizzel "Profit and Loss Account **<u>has not been submitted</u>** to the Registrar of Companies" [Enfazi mizjud].*

*Illi bi zvista evidenti, meta l-awdituri pprezentaw il-kontijiet annwali tal-kumpanija rikorrenti mar-Registratur tal-Kumpaniji, dahlu l-"Income Statement" (cioe` l-kont ta` qligh u telf) – illi wkoll giet moghtija pagna numru tlieta (3) – flok ma dahlu l-karta tal-bilanc ("balance sheet") – kopja ta` liema qed tigi ezibita bhala Dok B.*

*Illi r-Registratur tal-Kumpaniji ma ndunax b`dan l-izball, irregistra d-dokument (minghajr il-karta tal-bilanc!) u tefa` dan id-dokument fuq is-sistema "online" tal-Malta Business Registry u allura fid-dominju pubbliku.*

*Illi malli d-diretturi tal-kumpanija rikorrenti ndunaw bl-akkadut, hadu passi immedjati sabiex tigi sanata s-sitwazzjoni u saru diskussjonijiet bejn l-awdituri u rapprezentanti tal-Malta Business Registry sabiex jigi sostitwita l-pagna tal-"Income Statement" u flokha tiddahhal il-"Balance Sheet" tal-kumpanija rikorrenti kif kellu jkun.*

*Illi r-Registratur tal-Kumpaniji, probabilment minhabba l-fatt illi d-dokument lahaq tqiegħed fid-dominju pubbliku, qed jirrifjuta illi jbiddel il-pagna hazina jew is-sett shih tal-kontijiet annwali ma` dawk korretti, jekk ma jkollux awtorizazzjoni mill-Qorti.*

*Illi din il-talba li, mad-daqqa t`ghajn tista` tidher bhala wahda ta` importanza limitata, hija fir-realta` ta` importanza kbira ghall-kumpanija rikorrenti stante l-fatt illi hemm informazzjoni kunfidenzjali fid-dominju pubbliku illi kompetituri taghha fil-qasam tal-assikurazzjoni ghandhom access liberu ghaliha liema nformazzjoni ma kienx ikun possibbli jkollhom kieku ma sarx l-izball fuq imsemmi.*

*Illi sabiex ma jkunx hemm "Income Statement" iehor jigri fir-Registru tal-Qorti u b`hekk ikun ukoll fid-dominju pubbliku, il-figuri illi jidhru fuq il-hames pagna ta` Dok A [illi hija nnumerata wkoll bhala tlieta (3)] gew intenzjonalment mhassra mis-sottoskritt avukat. Dan qed jinghad sabiex din l-Onorabbli Qorti ma tigix zgwidata meta tkun qed tikkunsidra din it-talba. Ovvjament, jekk din l-Onorabbli Qorti thoss illi ghandha bzonn tara l-figuri tal-Income Statement, il-kumpanija rikorrenti lesta illi tobdi tali ordni.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, il-kumpanija rikorrenti qieghda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :-*

*i. Tawtorizzaha tbiddel il-pagna msejha "Income Statement" illi hija l-hames pagna tad-Dok A u flokha tiddahhal il-karta tal-bilanc ezibita bhala Dok B ma` dan ir-rikors u dan in konnessjoni mal-kontijiet annwali tal-kumpanija rikorrenti ghas-sena illi ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2019 illi gja gew registrati mar-Registratur tal-Kumpaniji.*

*ii. Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji jaccetta tali tibdil taht dawk il-kundizzjonijiet illi jidhrilha necessarji fosthom illi s-sostituzzjoni tal-pagna tigi riflessa fis-sistema "online" tal-Malta Business Registry.*

*iii. Taghti kwalsiasi direttivi ohra illi jidrilha opportuni fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.*

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta` Awissu 2020.

Rat ir-risposta li pprezenta r-Registratur tal-Kumpanniji fis-7 ta` Settembru 2020 li taqra hekk :-

*Illi l-kumpannija Central Insurance Brokers Limited (C 19982) kienet giet registrata fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fl-10 t`April 1996.*

*Illi kif inghad fir-rikors promotur billi l-kumpannija in kwistjoni tikkwalifika bhala kumpannija zghira li ghandha l-istatus ta` kumpannija ezentata ai termini tal-Artikolu 183(2) u 185(1), ma ghandhiex ghalfejn tipprezenta r-rapport tad-diretturi u l-kont tal-qligh u t-telf lir-Registratur.*

*Illi kif jidher car mill-Att wiehed ghandu l-ghazla jiehux vantagg minn tali ezenzjoni jew le u ghalhekk kumpannija tista ma tuzahiex. Fil-fatt hija haga komuni illi allavolja li kumpannija tkun tikkwalifika ghal tali vantagg, hija taghzel illi tibghat full accounts xorta.*

*Illi ta` min jinota illi l-kontijiet annwali jigu ppreparati u approvati mid-diretturi tal-kumpannija. Iktar minn hekk qabel ma jigu prezentati ghar-registrazzjoni l-awditur jikkonferma l-approvazzjoni taghhom min-naha tieghu u min-naha tal-ufficjali tal-kumpannija. F` dan il-kaz l-awditur fir-rapport tieghu kkonferma illi huwa ezamina l-kontenut tal-accounts (specifikament from page 3 to page 11). Illi l-income statement kienet fit-tielet faccata u ghalhekk kellu l-*

*possibbilta` illi jisfilza tali faccatta qabel ma gew prezentati l-accounts ghar-registrazzjoni.*

*Illi fl-istess rapport l-awditur jikkarfika illi huma d-diretturi tal-kumpannija illi huwa responsabbli bil-preparazzjoni tal-accounts u li ghalhekk ghandhom kontroll assolut fuq il-kontenut taghhom. L-awditur ikompli jghid illi d-diretturi ghandhom obligazzjoni illi jaraw illi l-accounting records huma free from any material mistatement whether due to fraud or error.*

*Illi rikorrenti u l-ufficjali taghha gew a konoxxenza tal-zvista taghhom meta l-kontijiet annwali kienu gew registrati mill-esponent fuq il-portal u konsegwentement meta l-kontenut taghhom kien diga` sar pubbliku.*

*Fil-fehma umli tal-esponent kieku kif gie allegat fir-rikors promotur illi l-informazzjoni kontenuta fl-income statement kienet informazzjoni ta` importanza kbira ghall-kumpannija ghaliex il-kumpannija u l-ufficjali taghha xtaqu illi tali informazzjoni tibqa` tinzamm internament fil-kumpannija sabiex il-kompetituri taghha ma ikollhomx access liberu ghall-informazzjoni (illi r-rikors promotur jerga` jirrepeti) kienet giet inkluza bi zball tal-kumpannija u tal-ufficjali taghha.*

*Illi kieku tali informazzjoni kienet daqshekk importanti u ndispensabbli ghal-kumpannija, l-ufficjali u l-awditur kellhom obbligu u responsabbilita ikbar biex qabel ma jintbaghtu l-accounts in kwistjoni ghar-registrazzjoni jassiguraw ruhhom illi l-income statement bid-dettalji li fiha ma ssirx parti integra mis-sett ta` kontijiet annwali tal-kumpannija in kwistjoni.*

*Illi tali nuqqas u negligenza jintefew fuq ir-Registratur zgur illi m`huwiex gustifikat u m` ghandu ebda bazi fil-fatt wisq anqas legali. Illi ta` minn wiehed jaghmilha cara illi r-Registratur m` ghandux l-jedd illi jaghzel illi jghaddi ghar-registrazzjoni bicca mid-dokument mibghuta lilu jew ohra.*

*Illi r-rwol kif mitlub mil-ligi fl-Artikolu 401 tal-Att, ir-Registratur huwa specfikament dak illi jirregistra u jgib ghall-gharfien tal-pubbliku notifikazzjoni u dokumentazzjoni mibghuta lilu skont il-ligi. Tant hu hekk illi skont l-istess Att, tali notifikazzjonijiet u dokumentazzjoni jigu effettivi meta jigu registrati mill-esponent specifikament meta jigu uploaded fuq il-website mizuma minnu.*

*Illi ghalhekk ir-rikorrenti mhux qieghda tispecifika a bazi ta` liema artikolu fil-ligi qieghda taghmel it-talba taghha u ghalhekk ir-Registratur ghandu dubju jekk tali rikors setax isir jew hux validu. Dan minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent lest illi joqghod ghal kull provediment jew direttivi illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi partikulari ta` dan il-kaz.*

*Bl-ispejjez.*

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Abela fl-udjenza tas-16 ta` Novembru 2020.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Fatti</u>

**<u>Fis-sostanza</u>** dawn huma l-**<u>fatti ppruvati</u>** tal-kawza odjerna :

L-ahhar audit tal-kumpannija rikorrenti ("**<u>Central Insurance</u>**") ghas-sena li ghalqet 31 ta` Dicembru 2019 sar mid-ditta ta` awdituri Mazars Malta.

Central Insurance hija "<u>kumpannija zghira, privata u ezentata</u>".

Skont il-Kap 386, Central Insurance m`ghandha ebda obbligu legali li tipprezenta lir-Registratur tal-Kumpanniji ghall-**<u>iskrutinju tal-pubbliku</u>** l-*income statement* taghha ghalkemm ghandha l-obbligu li tipprezenta l-*balance sheet*.

Fil-fatt hija obbligata tipprezenta *abridged accounts*.

Ghal ragunijiet bil-wisq ovvji, hija obbligata tipprezenta l-*full audited accounts* (li jinkludu l-*income statement*) lill-Kummissarju tat-Taxxi.

Fil-kaz tal-lum irrizulta li wara li l-kontijiet annwali kienu approvati, **<u>bi zball</u>** marru ghand ir-Registratur tal-Kumpanniji l-kontijiet li kienu jinkludu l-*income statement*.

Min-naha tar-Registratur saret il-pubblikazzjoni tal-kontijiet <u>inkluz</u> tal-*income statement* bla ma dan dahal fil-kwistjoni ta` x`kellu jkun il-minimu li kellu jkun ippubblikat.

Billi l-pubblikazzjoni tal-*income statement* jaghmel lil Central Insurance vulnerabbli, ghaliex taghrif sensittiv sar ta` skrutinju pubbliku, inkluz ghall-kompetituri, ir-rikorrenti talbet intervent ta` rettifika min-naha tar-Registratur tal-Kumpanniji.

Rettifika kif mixtieqa ma setghet issir ghaliex skont ir-Registratur haga bhal dik tista` ssir biss b`ordni ta` awtorita` gudizzjarja.

Ghalhekk il-kawza tal-lum.

## III. <u>Dritt</u>

**Il-Qorti qieset b`reqqa d-disposizzjonijiet kollha tal-Kap 386 li kienu citati kemm minn Central Insurance kif ukoll mir-Registratur tal-Kumpanniji.**

**Tghid li kollha jghoddu fil-kuntest tal-procediment odjern.**

**Billi ma tarax l-iskop, mhijiex sejra tirreferi ghad-disposizzjonijiet citati wahda wahda.**

**Dan premess sejra tissofferma fuq punt partikolari li hareg car mir-risposta tar-Registratur tal-Kumpanniji, u cioe` abbazi ta` liema disposizzjoni tal-ligi hija fondata l-azzjoni ta` Central Insurance.**

**Din il-kwistjoni qamet ukoll fil-kors tad-dibattiment.**

**Ir-risposta hija din :**

**Fejn hemm lezjoni ta` jedd li tesigi rimedju, u li l-ligi ma tahsibx ghalih, huwa obbligu tal-awtorita` gudizzjarja li tintervjeni u taghti hi r-rimedju. (ara : Qorti tal-Appell : 27 ta` Frar 2015 : Appell Civili Nru. 182/2014/1)**

**Hekk sejra taghmel din il-qorti fil-provvediment taghha tal-lum.**

**IV. Risultanzi**

**Il-Qorti taghti affidament ghall-esposizzjoni tal-fatti kif dawn jirrizultaw ippruvati specjalment mid-deposizzjoni ta` Joseph Abela.**

**Tifhem ukoll il-posizzjoni tar-Registratur tal-Kumpanniji wara li qieset il-konfini tal-mansjonijiet tieghu skont il-ligi.**

**Il-Qorti terga` tishaq, kif diga` kellha okkazjoni tghid b`mod konsistenti dwar materji ohra, li r-Registratur tal-Kumpanniji ghandu jkollu setghat u diskrezzjoni li jindirizza sitwazzjonijiet kristallini bhal dik tal-lum u jaghti rimedju bla**

**ma jkun kostrett li jiehu direzzjoni mill-awtorita` gudizzjarja dwar kif ghandu jgib ruhu, specjalment fejn, bhal fil-kaz tal-lum, il-pubbliku mhux espost ghal ebda pregudizzju, u fejn il-pregudizzju jolqot biss il-persuna li tkun qeghda tfittex harsien ghax tkun vulnerabbli.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti billi :-**

**Tilqa` t-talbiet senjalati bl-ittri (i) u (ii).**

**Milqugha kif dedotti u minghajr riservi t-talbiet senjalati bl-ittri (i) u (ii), ma tarax li hemm lok li taghti direttivi ohra skont it-talba senjalata bl-ittra (iii).**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi l-ispejjez li jkunu mehtiega ghall-ezekuzzjoni ta` dan il-provvediment, ghandhom ikunu a kariku tal-kumpannija rikorrenti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**